MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2003

Appell Civili Numru. 5/1998/4

**Savio Spiteri u Reverendu Renato Valente t-tnejn bhala Diretturi u ghan-nom u in rappresentanza tas-Socjeta` Gourmet Company Limited**

**vs**

**Registratur tal-Qrati tal-Gustizzja ta' Malta u Ghawdex, Direttur Generali tal-Qrati tal-Gustizzja ta' Malta u Ghawdex, Mariano Vella u Anthony Vella**

**Il-Qorti;**

Dan hu appell minn sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-kompetenza Superjuri taghha moghtija fl-1 ta’ Dicembru, 2000. Din is-sentenza qed tigi riprodotta fl-intier taghha peress li minnha johorgu cari l-fatti, x’kienu qed jitolbu l-atturi, u ghala kienu qed jitolbu hekk:
“Il-Qorti ,

Rat ic-Citazzjoni li permezz taghha l-attturi proprio et nomine, wara li ippremettew :

Illi l-atturi fil-21 ta’ Marzu, 1994 ipprezentaw Citazzjoni Numru 46/1994 (MM) kontra l-konvenuti Mariano Vella u Anthony Vella (Dok AA) ; u

Illi b’digriet tas-16 ta’ Jannar, 1997 il-Qorti ordnat il-Kancellament ta’ din il-kawza minn fuq il-lista ghar-raguni li rat illi l-attur ma gab l-ebda prova u lanqas ma saret talba ghal differiment (Dok BB) ; u

Illi jirrizulta illi l-atturi kienu ghamlu talba ghal differiment permezz tar-rikors taghhom tal-15 ta’ Jannar 1997 (Dok CC) ghar-raguni illi l-avukat taghhom ma setghax jattendi ghall-kawza minhabba mpenji fil-Qrati tal-gzira ta’ Malta fl-istess jum u hin ; u

Illi l-atturi rrilevaw illi din il-kawza tirrigwardja allegati hsarat li ghandhom jigu riparati b’mod urgenti u ghalhekk kien jinhtieg li jigi nominat Perit Tekniku ghal dan il-fini u b’digriet tat-28 ta’ April, 1994 il-Qorti nnominat bhala perit Tekniku lill-AIC Anna Marie Dimech (Dok DD) .

Talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex m’ghandhiex din il-Qorti :

1. Tirrevoka contrario imperio d-digriet ta’ dina l-Onorabbli Qorti fuq imsemmi tas-16 ta’ Jannar, 1997 fl-atti tal-kawza fl-ismijiet Savio Spiteri et noe kontra Mariano Vella et Citazzjoni Numru 46/1994 .

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-atturi proprio et nomine, debitament ikkonfermata bil-gurament ta’ Savio Spiteri .

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Mariano Vella u Anthony Vella li eccepew ;

1. Illi in linea preliminari jehtieg illi ssir d-debita korrezzjoni fil-korp tac-citazzjoni fl-isem tal-Qorti adita mill-attur stante illi apparentement, minkejja illi l-atturi intavolaw xejn anqas minn tletin kawza quddiem din il-Qorti huma jew l-avukat taghhom ghadhom ma tghallmux kif jinkiteb l-isem tal-Qorti u dan malajr jista’ jwassal ghal xi tarf iehor illi mieghu l-istess atturi jistghu jiggranfaw xi kawza ohra fil-futur ;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma infondati fid-dritt u fil-fatt fil-konfront tal-esponenti u dan ghaliex fl-ewwel lok, din il-Qorti kienet gustifikata illi ma tiehux konjizzjoni tar-rikors prezentat mill-atturi fil-15 ta’ Jannar, 1997 stante illi dan ma giex prezentat ‘mhux aktar tard minn jumejn tax-xoghol qabel id-data li fiha l-kawza tkun ghas-smiegh’ kif rikjest mill-artikolu 195 tal-Kap. 12 ta’ Malta ;

3. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-procedura odjerna ma hix dik korretta sabiex l-attur jitlob illi kawza illi gia giet kancellata titqieghed fuq il-lista, izda l-procedura korretta hija dik stabbilita` fl-artikolu 199(3) tal-istess Kap. 12 . In-nuqqas tal-attur illi jipprezenta r-rikors opportun fiz-zmien hemm stabbilit iwassal ghad-dekadenza tieghu mid-dritt illi jitlob illi din il-kawza titqieghed fuq il-lista mill-gdid, tigi mismugha u maqtugha, u ghaldaqstant it-talba odjerna fi kwalunkwe kaz ma tistax tregi .

4. Illi fi kwalunkwe kaz, l-atturi ma jistghux jipprocedu b’din il-kawza qabel ma huma jkunu hallsu u ssaldaw il-kontijiet u drittijiet gudizzjarji tal-kawza kancellata, haga li sal-lum ghadhom ma ghamlux .

5. Salvi u impregudikati eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenuti ikkonfermata bil-gurament taghhhom .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur Generali u Registratur tal-Qrati li eccepixxa ;

1. Illi d-dover tieghu huwa li jesegwixxi ordnijiet tal-Qrati minghajr ma jidhol fi kwistjonijiet dwar legalita' u ritwalita' taghhom .

2. Ghalhekk huwa m'ghandux interess fl-ezitu ta' din il-kawza u jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, pero' m'ghandux ibati spejjez .

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenut minnu kkonfermata bil-gurament .

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-atti tal-kawza fl-ismijiet "Savio Spiteri et. proprio et nomine vs. Marianu Vella et. (citaz. 46/1994)" ikkancellata minn din il-Qorti in segwitu tad-digriet kontestat .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' din il-kawza l-atturi proprio et nomine qed jitolbu li jigi revokat digriet ta' din il-Qorti moghti fis-16 ta' Jannar 1997 fil-kawza ndikata, li bis-sahha tieghu l-istess kawza kienet giet ikkancellata minn fuq il-lista, u dana wara li skond il-verbal tas-seduta fejn inghata dan id-digriet, l-attur u d-difensur tieghu ma dehrux ghal dik is-seduta u "l-attur ma gab l-ebda prova u lanqas ma saret talba ghal differiment" .

L-atturi jikkontendu illi dak li qalet il-Qorti f'dik ic-cirkostanza ma kienx minnu ghax :
(i) talba ghal differiment kienet saret permezz ta' Rikors intavolat fl-atti ta' l-istess kawza fil-15 ta' Jannar 1997; u

(ii) provi kienu tressqu quddiem il-perit tekniku inkarigata bil-gbir tal-provi .

Infatti minn ezami ta' l-atti processwali f'dik il-kawza, irrizulta illi l-atturi verament kienu ntavolaw talba ghal differiment lejliet id-data iffisssata ghas-smiegh tal-kawza, u li kienet giet appuntata l-A.I.C. Anna Maria Dimech biex tigbor xi provi fl-istess kawza . Imma kif tajjeb jikkontendu ll-konvenuti Mariano Vella et. fit-tieni eccezzjoni taghhom, it-talba ghal differiment ma saritx fiz-zmien stipulat mil-ligi fl-artikolu 195(4) tal-Kap. 12, u cioe' "mhux aktar tard minn jumejn tax-xoghol qabel id-data li fiha l-kawza tkun ghas-smiegh" . Lanqas ma rrizulta minn ezami tar-Rikors li permezz tieghu kien intalab id-differiment, illi r-raguni ghal dik it-talba kienet inqalghet fl-ahhar mumenti u li l-atturi, kienu kkonfermaw dan bil-gurament taghhom, kif jitlob l-istess sub-inciz ta' l-artikolu 195 . Hekk ukoll it-tielet eccezzjoni ta' l-istess konvenuti hija fondata fil-ligi, billi a tenur ta' l-artikolu 199 (3), jekk l-atturi tassew riedu li l-kawza taghhom tkompli tinstema, kellhom b'rikors ipprezentat fi zmien ghaxart ijiem mid-digriet tal-kancellament, jaghmlu talba ghaldaqshekk quddiem il-Qorti permezz ta' rikors iehor . Dan l-atturi ovvjament, ghal xi raguni jew ohra naqsu li jaghmluh, u din l-Qorti ma thossx illi ghandha ssewwi hi tali nuqqas ta' l-atturi li jsegwu sew l-andament ta' dik il-kawza taghhom, permezz tal-kawza prezenti .

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi l-kawza billi, filwaqt illi tilqa' t-tieni u tielet eccezzjonijiet tal-konvenuti Mariano Vella et., tichad it-talba attrici .

L-ispejjez tal-kawza, billi dak li gara kien unikament htija ta' l-istess atturi proprio et nomine, li ma segwewx il-proceduri rikjesti mil-ligi, la meta gew biex jitolbu d-differiment tal-kawza u lanqas biex il-kawza terga' titqieghed fuq il-lista, ghandhom jigu ssoportati ugwalment u in solidum bejniethom ."

L-atturi appellaw permezz ta' rikors ippresentat fil-21 ta' Dicembru, 2000. Ir-ragunijiet ta' l-appell huma migbura fis-segwenti erba' paragrafi:

"Illi l-punt crucjali kollu f'din il-kawza tikkoncerna jekk il-Qorti kienitx gustifikata li tordna l-kancellament tal-kawza minn fuq il-lista bid-digriet taghha tas-16 ta' Jannar 1997 ghar-raguni li rat illi l-attur ma gab l-ebda prova u lanqas ma saret talba ghal differiment, meta bhala stat ta' fatt lampanti li kien quddiem il-Qorti fil-fatt irrizulta illi l-esponenti kienu ghamlu talba ghall-differiment (Dok. CC) permezz tar-rikors taghhom tal-15 ta' Jannar 1997 ghar-raguni illi l-avukat taghhom ma setghax jattendi ghall-kawza minhabba mpenji fil-Qrati tal-gzira ta' Malta fl-istess jum u hin.

Illi in oltre l-esponenti kienu rrelevaw fil-fatt effettivament illi din l-kawza kienet tirrigwardja allegati hsarat li kellhom jigu riparati b'mod urgenti u ghalhekk kien jinhtieg li jigi nominat Perit Tekniku ghal dan il-fini u fil-fatt b'digriet tat-28 ta' April, 1994 il-Qorti nnominat bhala Perit Tekniku lill-AIC Anna Marie Dimech (Dok. DD) li effettivament kienet gabret il-provi kollha necessarji u sahansitra kienet ghadha kif lestiet ir-rapport taghha li kien ghadu ma giex ipprezentat.

Illi billi r-raguni ghaliex l-esponenti nomine talbu differiment permezz tar-rikors taghhom tal-15 ta' Jannar 1997 inqala' proprju lejliet is-smigh tal-kawza li kellha ssir l-ghada 16 ta' Jannar 1997, l-esponenti noe ma kienux f'posizzjoni jipprezentaw ir-rikors taghhom bit-talba ghall-diferiment aktar kmieni u cioe` mhux aktar tard minn jumejn tax-xoghol qabel id-data li fiha l-kawza kellha tkun ghas-smigh kif rikjest mill-Artikolu 195 tal-Kap. 12 li ghalhekk kien inapplikabbli f'dan il-kaz u ghalhekk fl-ewwel lok il-kawza ma kellha qatt tigi kkancellata.

Illi ghalhekk l-esponenti nomine kellhom kull dritt skond il-ligi jitolbu r-revoka contrario imperio tad-digriet tal-Qorti tas-16 ta' Jannar 1997 fuq imsemmi billi dan id-digriet kien ibbazat fuq fatti u ragunijiet inezistenti kif manifestament jirrizulta mill-atti."

Permezz ta’ risposta datata 5 ta’ Jannar, 2001 l-appellati Mariano Vella u Anthony Vella wiegbu fis-sens li s-sentenza appellata kienet gusta u li kienet timmerita konferma u dan peress li r-rimedju li kellhom l-appellanti wara l-ordni ta’ kancellament tal-kawza kien ir-rikors skond is-subartikolu (3) tal-Artikolu 199 tal-Kap. 12. L-appellati talbu wkoll li l-appellanti jigu kkundannati jhallsu spejjez doppji “ai termini tal-artikolu 233 tal-Kap. 12” u dan peress li l-appell huwa “purament u interament frivolu u vessatorju”. Presumibbilment l-appellati hawnhekk riedu jirreferu mhux ghall-Artikolu 233 izda ghall-Artikolu 223(4). Ir-Registratur tal-Qrati u Direttur Generali, ghalkemm debitament notifikat bir-rikors ta’ appell, baqa’ ma ghamilx risposta.

Ikkunsidrat:

Ghandhom qabel xejn jigu precizati l-parametri ta’ din il-kawza. L-atturi appellanti, <u>fic-citazzjoni taghhom</u> quddiem l-ewwel Qorti tat-8 ta’ Jannar, 1998, talbu r-revoka “contrario imperio” tad-digriet (tas-16 ta’ Jannar, 1997 fl-kawza ***Savio Spiteri noe et v. Marianu Vella et*** – Citaz. 46/94 MM) mhux ghax qed jallegaw li l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Superjuri) f’dik il-kawza (46/94 MM) ma setghetx tordna l-kancellament tal-kawza minn fuq il-lista (fis-sens li tali kancellament ma kienx skond il-ligi jew ma kienx ritwali) <u>izda</u> qed jghidu li tali digriet ghandu jigi hekk revokat ghax (1) huma kienu talbu differiment u (2) li dik il-kawza kienet tirrigwarda hsarat li kellhom jissewwew b’mod urgenti u fil-fatt kienet giet nominata perit tekniku, l-AIC Ann Marie Dimech. Dawn, <u>u dawn biss</u>, huma l-kawzali (l-ewwel zewg paragrafi tac-citazzjoni huma biss esposizzjoni ta’ fatti), u fil-fatt dawn il-kawzali gew ribaditi fin-nota ta’ osservazzjonijiet tal-appellanti, allura atturi, quddiem l-ewwel Qorti, tat-8 ta’ Gunju, 2000 (ara fol. 280 tal-atti). Ghalhekk il-kwistjoni li kellha quddiemha l-ewwel Qorti (li tat is-sentenza appellata) ma kienitx jekk fis-16 ta’ Jannar, 1997 il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Superjuri) setghetx tikkancella taht is-subartikolu (1) tal-Artikolu 199 tal-Kap, 12, izda jekk setghetx tikkancella galadarba kien

hemm talba ghal differiment u minhabba li l-kawza kienet tirrigwarda hsarat li kellhom jissewwew b'mod urgenti; u, in vista tat-tielet eccezzjoni tal-konvenuti Mariano (jew Marianu) Vella u Anthony Vella, jekk ir-rimedju ghal tali kancellament setax ikun permezz ta' kawza fejn tintalab ir-revoka "contrario imperio" jew, kif kienu qed jghidu l-istess konvenuti, permezz ta' rikors skond is-subartikolu (3) tal-imsemmi Artikolu 199. Ghalhekk ma jistghux issa l-appellanti jippruvaw jispustjaw il-parametri tal-kawza, kif donnhom qed jaghmlu bl-ewwel wiehed mill-erba' paragrafi tar-rikors ta' appell aktar 'l fuq citati, billi jallegaw li l-Qorti ma "kienitx gustifikata li tordna l-kancellament tal-kawza minn fuq il-lista bid-digriet taghha tas-16 ta' Jannar 1997 ghar-raguni li rat li l-attur ma gab l-ebda prova".

Issa ma hemmx dubbju li t-talba ghad-differiment, maghmula permezz tar-rikors tal-15 ta' Jannar, 1997 (gurnata qabel id-data tas-smigh fis-16 ta' Jannar, 1997) ma saritx konformament ma' dak li jitlob is-subartikolu (4) tal-Artikolu 195 tal-Kap. 12, specjalment ghal dak li jirrigwarda konferma bil-gurament. Ghalhekk il-Qorti tal-Magistrati kienet gustifikata li fis-16 ta' Jannar, 1997, ma takkordax it-talba ghal differiment. Bhala stat ta' fatt, pero`, dik il-Qorti marret oltre, u ordnat il-kancellament tal-kawza minn fuq il-lista. Kif tajjeb osservaw il-konvenuti appellati, meta ghandek mhux semplici differiment *sine die* izda kancellament minn fuq il-lista, liema kancellament *prima facie* sar skond l-Artikolu 199(1) tal-Kap. 12, ir-rimedju kellu jkun ir-rikors ghar-riappuntament fi zmien ghaxart ijiem skond is-subartikolu (3) tal-imsemmi Artikolu 199. Din il-Qorti ezaminat l-atti tal-kawza Citaz. 46/94, u osservat li l-kancellament tas-16 ta' Jannar, 1997 kien l-ewwel kancellament f'dik il-kawza (u ghalhekk ma kienx hemm l-ostakolu li r-riappuntament jista' jintalab darba biss). Inoltre din il-Qorti tosserva, dejjem minn ezami tal-atti tal-kawza Citaz 46/94, li fl-udjenza precedenti ghal dik tas-16 ta' Jannar, 1997, cioe` l-udjenza tat-3 ta' Ottubru, 1996, l-ewwel Qorti kienet ghamlitha cara li kienet qed tiddiferixxi il-kawza "ghall-ahhar darba ghall-provi tal-attur ghas-16 ta' Jannar 1997", u dan wara li l-avukat difensur gdid tal-atturi kien deher, iddikjara li qed jassumi l-patrocinju u talab differiment peress li ma kienx ghadu ha

konjizzjoni tal-process. Dak li evidentement gara hu li wara li l-kawza giet kancellata l-atturi u/jew id-difensur taghhom ma hadux l-izbriga li jivverifikaw x'kien gara fis-16 ta' Jannar, 1997, u hallew l-ghaxart ijiem jiddekorru minghajr ma ghamlu r-rikors ghar-riappuntament tal-kawza skond l-imsemmi Artikolu 199(3). Kif gustament irrimarkat l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, galadarba l-appellanti kellhom ir-rimedju tar-rikors skond l-Art. 199(3) u ma utilizzawhx, ma jistghux issa jippretendu li, permezz ta' citazzjoni u talba ghar-revoka "contrario imperio", jigi rimedjat l-izball taghhom konsistenti dan l-izball filli naqsu milli jipprocedu skond l-imsemmi Artikolu 199(3).

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez ta' dana l-appell ghandhom jigu sopportati miz-zewg appellanti solidament bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------